# Xi Ġralek, Ma?

Għaliex ma tridx illejla tilgħab miegħi,
u lanqas m'int tħallini nersaq lejk?
Xi ġralek, ma? Għajnejk qegħdin jiħmaru
u d-dmugħ qiegħed iqattar ma' ħaddejk.

Mamà, għaliex illejla
Ma trid tkellmni xej',
U bqajt hemmhekk fit-tieqa
Tistenna l-ħin għaddej?

Is-soltu tgħidli storja
Li ma jkun jafha ħadd,
U tant tkun storja twila
Li ma tispiċċa qatt...

Mamà, mamà, is-soltu,
Is-soltu mhux bħal-lum.
Is-soltu żżommni f'ħoġrok
Bla ma tħallini nqum.

Is-soltu kull ġurnata,
Kif tgħid int stess, ittir.
Illejla m'hemmx li jidlam
U m'hemmx li l-ħin isir.
Illejla, ma, xi ġralek?

Illejla ma nafekx.
Qed nibża' li se nfittxek
U nibqa' ma nsibekx.

Xi ġralek, ma? Jien naħseb li hemm f'qalbek
Xi storja twila li ma tgħidhilix,
Bħal dawk li inti stess irrakkontajtli
Kif rajtni nibki w għedtli ma nibkix.

***Oliver Friggieri***